## Laqgħa Pubblika

## It-Tlieta 18 ta' Diċembru, 2012

## Fl-Uffiċċju tal-Kunsill, fis-7.00p.m.

### Minuti tal-Laqgħa

Preżenti : - Sur Andrew Vella (Sindku)
Sur Emanuel Mintoff (Viċi Sindku)
Sur Frank Formosa (Kunsillier)
Sra. Renance Vella Aquilina (Kunsilliera)
Sur Joseph Farrugia (Kunsillier)

Uffiċjali:- Sur Ruben Cassar (Segretarju Eżekuttiv)

Għal-laqgħa kienu mistednin ir-residenti kollha tar-raħal.

Intqalet it-talba tal-bidu.

Is-Sindku qara ir-rapport ta' xogħol li sar matul is-sena 2012. Huwa spjega fid-dettal ix-xogħol li qed iwettaq il-Kunsill. Rapport tad-diskors kollu tas-Sindku huwa mehmuz ma' dawn il-minuti.

Is-Sindku ta rendikont ukoll ta' kif ġew mqassma l-flus allokati mill-Gvern Ċentrali għas-sena finanzjarja 2013 kif ukoll tal-pjanijiet tal-Kunsill għat-tlett snin li ġejjien. Wara huwa stieden lir-residenti biex jagħmlu l-mistoqsijiet u jresqu s-suġġerimenti jew ilmenti tagħhom.

Alfred Attard, wieħed mir-residenti preżenti għal din il-laqgħa staqsa jekk hux ser jitneħħa t-terrapien u skart ieħor li hemm f'Wied L-Għasri fejn għadha kif tranġat it-triq. Huwa qal li jekk il-wied ma jitnaddafx u tagħmel ħafna xita, it-triq li għadha kif tranġat tista' terġa' iġġarrab ħafna ħsara. Is-Sindku ippropona li niktbu lid-Direttur (Eco Gozo – Ministeru Għal Għawdex) is-Sur Anthony Zammit fejn nitolbuh sabiex isir it-tindif tal-wied. Il-wied jaqa' taħt ir-responsabilta' tal-Gvern Ċentrali (il-Ministeru Għal Għawdex) u għalhekk se ninfurmawhom b'dan l-ilment.

Il-Laqgħa spiċċat fit-7.45pm.

Ruben Cassar
Segretarju Eżekuttiv

Andrew Vella
Sindku

6, Triq Dun Karm Caruana, L-Għasri GSR 1021, Għawdex, Malta.
Tel: (+356) 21558686 • Fax: (+356) 21558655 • email: ghasri.lc@gov.mt